ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda, li mhijiex minuri, fi Speċifikazzjoni tal-Prodott skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2021/C 93/07)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA FL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' PRODOTT TA' DENOMINAZZJONIJIET TA' ORIĠINI PROTETTI JEW TA' INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI PROTETTI LI MHIJIEX MINURI

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

"PERA MANTOVANA"

Nru tal-UE: PGI-IT-01533-AM01 – 19.7.2018

DOP ( ) IĠP (X)

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

C.OR.MA. Soc. Coop.
Via Canton, 20 – San Giovanni del Dosso (MN), Italy

Tel. +39 0386757323

Fax +39 0386757921

pera@opcorma.it

corma@pec.confcooperative.it

C.OR.MA. Soc. Coop., ibbażata f'Via Canton, 20 – San Giovanni del Dosso (MN), hija intitolata tippreżenta applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 13(1) tad-Digriet Nru 12511 tal-Ministeru tal-Politika tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija tal-14 ta' Ottubru 2013.

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

☐ Isem il-prodott

☒ Deskrizzjoni tal-prodott

☒ Żona ġeografika

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

☒ Prova tal-oriġini

☒ Metodu ta' produzzjoni

☒ Rabta

☒ Tikkettar

☒ Oħrajn [Imballaġġ, Korp ta' spezzjoni, Marka]

4. **Tip ta' emenda/i**

☐ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni ta' prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

☒ Emenda għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għaliha ma jkun ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti) li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda/i**

Deskrizzjoni tal-prodott

— *L-Artikolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott*

"L-indikazzjoni ġeografika protetta "Pera Mantovana", segwita minn waħda mill-varjetajiet speċifikati fl-Artikolu 2 hawn taħt, hija riżervata għall-frott li jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott."

ġiet emendata kif ġej:

"L-indikazzjoni ġeografika protetta "Pera Mantovana" hija riżervata għall-frott li jissodisfa l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott."

Il-frażi "*segwita minn waħda mill-varjetajiet speċifikati fl-Artikolu 2 ta' hawn taħt*" ġiet imħassra minħabba li l-isem reġistrat huwa "Pera Mantovana" u l-varjetajiet indikati fl-ispeċifikazzjoni mhumiex parti mill-isem reġistrat, kif jista' jiġi dedott bi żball mill-formolazzjoni tal-kliem attwali.

— *L-Artikolu 2 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott u l-punt 5(a) tal-iskeda tas-sommarju disponibbli fuq DOOR*

Is-sentenzi:

"L-indikazzjoni "Pera Mantovana" tirreferi esklussivament għall-frott tal-kultivars tal-lanġas li ġejjin: Abate Fetel, Conference, Decana del Comizio, Kaiser, Max Red Bartlett u Williams."

kif ukoll

"Frott miksub mill-varjetajiet tal-lanġas Williams, Max Red Bartlett, Conference, Decana del Comizio, Abate Fetel u Kaiser, imkabbra fuq art xierqa bl-użu ta' metodi mhux intensivi."

ġew emendati kif ġej:

"L-indikazzjoni "Pera Mantovana" tirreferi esklussivament għall-frott tal-kultivars tal-lanġas li ġejjin: Abate Fetel, Conference, Decana del Comizio, Kaiser, Max Red Bartlett, Williams, Carmen u Santa Maria."

Ġew miżjuda l-varjetajiet Carmen u Santa Maria.

Sabiex l-IĠP "Pera Mantorana" tkun tista' tiġi kkonsmata aktar kmieni fis-sena u biex tiġi aġġornata l-firxa ta' varjetajiet, qed jiġi propost li jiżdiedu l-varjetajiet bikrin Carmen u Santa Maria, li jinħasdu aktar kmieni. Bħall-varjetajiet l-oħrajn diġà inklużi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tal-IĠP, il-varjetajiet Carmen u Santa Maria storikament ġew imkabbra fiż-żona, iżda qabel ma kinux inklużi minħabba l-kwantitajiet limitati prodotti. F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda fid-domanda tal-konsumaturi, anki bħala riżultat tal-produzzjoni preċedenti tagħhom.

L-emenda tapplika wkoll għall-punt 5(a) tal-iskeda tas-sommarju disponibbli fuq DOOR u ġiet inkorporata fil-punt 3.2 tad-Dokument Uniku.

— *L-Artikolu 6 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott*

It-test li ġej:

Meta tinħareġ għall-konsum, il-"Pera Mantovana" għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

Abate Fetel

Epikarpju: aħdar ċar fl-isfar, bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun u z-zokk;

Għamla: forma ta' kalebaxxa, pjuttost tawwalija;

Daqs: dijametru minimu ta' 65 mm;

Piż medju tal-frott: minimu ta' 260 g;

Kontenut ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija: 5;

Togħma: ħelwa.

Conference

Epikarpju: Isfar fl-aħdar bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun li ta' spiss jaffettwa it-terz ta' taħt tal-frott;

Għamla: piriforma ta' spiss simetrika;

Daqs: dijametru ta' 60 mm;

Piż medju tal-frott: minimu ta' 158 g;

Kontenut ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija: 5,5;

Togħma: ħelwa.

Decana del Comizio

Epikarpju: lixx, aħdar ċar fl-isfar ta' spiss bil-kulur roża fuq il-parti li tara x-xemx, u b'kannella fl-aħmar mifrux ftit 'l hawn u 'l hemm;

Għamla: forma ta' turbina;

Daqs: dijametru minimu ta' 70 mm;

Piż medju tal-frott: minimu ta' 240 g;

Kontenut ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija: 4;

Togħma: ħelwa, aromatika.

Kaiser

Epikarpju: raffa, tal-kulur kannella fl-aħmar kollha hemm hi;

Għamla: forma ta' kalebaxxa jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 65 mm;

Piż medju tal-frott: minimu ta' 250 g;

Kontenut ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija: 5,7;

Togħma: meraq fin u sukkulenti, b'togħma tajba.

Williams u Max Red Bartlett

Epikarpju: lixx, kulur tal-bażi isfar bejn wieħed u ieħor kopert bir-roża jew aħmar qawwi, kultant bl-istrixxi;

Għamla: forma ta' lanġasa żgħira jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Piż medju tal-frott: minimu ta' 185 g;

Kontenut ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija: 6,5;

Togħma: ħelwa, aromatika.

ġie emendat kif ġej u tmexxa għall-Artikolu 2 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott emendata:

Meta tinħareġ għall-konsum, il-"Pera Mantovana" għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

Abate Fetel

Epikarpju: aħdar ċar fl-isfar, bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun u z-zokk;

Għamla: forma ta' kalebaxxa, pjuttost tawwalija;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 5,5/0,5 kg/cm^2.

Conference

Epikarpju: isfar fl-aħdar bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun li ta' spiss jaffettwa t-terz ta' taħt tal-frotta;

Għamla: piriforma ta' spiss simetrika;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 5,5/0,5 kg/cm^2.

Decana del Comizio

Epikarpju: lixx, aħdar ċar fl-isfar ta' spiss bil-kulur roża, u b'kannella fl-aħmar mifrux ftit 'l hawn u 'l hemm;

Għamla: forma ta' turbina;

Daqs: dijametru minimu ta' 70 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 4,5/0,5 kg/cm^2.

Kaiser

Epikarpju: raffa, tal-kulur kannella fl-aħmar kollha hemm hi;

Għamla: forma ta' kalebaxxa jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm^2.

Williams u Max Red Bartlett

Epikarpju: lixx, kulur tal-bażi isfar bejn wieħed u ieħor kopert bir-roża jew aħmar qawwi, kultant bl-istrixxi;

Għamla: forma ta' lanġasa żgħira jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 7,0/0,5 kg/cm^2.

Għall-varjetajiet kollha, saru l-bidliet li ġejjin fid-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi tal-frott:

— Il-piż medju tal-frott tħassar peress li, minbarra li mhuwiex aspett kwalitattiv, huwa direttament relatat mad-daqs. Minbarra l-piż, huwa d-daqs tal-frott li jiddetermina l-aspett kwalitattiv u kummerċjali.

— Id-deskrizzjoni tat-togħma tħassret, peress li dan huwa parametru suġġettiv u għalhekk huwa diffiċli li tiġi evalwata.

— B'referenza għall-parametru tal-"ebusija", qed jiġi propost li jiddaħħlu l-kelma "massimu" u l-unità tal-kejl (kg), biex jiġi speċifikat li l-valur jikkorrispondi għall-massimu li ma jistax jinqabeż.

— Qed jiġi propost li tiddaħħal il-kelma "minima" wara l-kliem "kontenut ta' zokkor" għal aktar ċarezza. Il-valuri indikati fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għalhekk għandhom jitqiesu bħala l-limitu inferjuri.

Barra minn hekk:

— Fir-rigward tal-varjetà Abate Fetel:

id-daqs inbidel minn dijametru minimu ta' 65 mm għal 60 mm;

— Fir-rigward tal-varjetà Kaiser:

id-daqs inbidel minn dijametru minimu ta' 65 mm għal 60 mm;

Qed jiġi propost li d-daqsijiet tal-varjetajiet Abate Fetel u Kaiser jitnaqqsu ftit minn dijametru minimu ta' 65 mm għal 60 mm. Dan minħabba l-fatt li matul is-snin kien hemm żieda fid-domanda għal daqsijiet iżgħar ta' frott (porzjon wieħed) għall-użu f'forniment tal-ikel tal-massa, fl-iskejjel (l-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel) u fis-sitwazzjonijiet kollha fejn il-frott jittiekel barra mid-dar.

Huwa mitlub li, għall-varjetajiet li ġejjin, il-parametru tal-ebusija jiżdied kif ġej: L-Abate Fetel minn 5 għal 5,5, il-Kaiser minn 5,7 għal 6, id-Decana del Comizio minn 4 għal 4,5 u l-Williams u l-Max Red Bartlett minn 6,5 għal 7. Għandu jitqies il-valur massimu tal-parametru tal-ebusija, espress f'kg/cm^2 . Dan il-valur żdied biex jippermetti li l-prodott jinħażen fl-aqwa kundizzjonijiet u b'hekk jissodisfa aħjar id-domanda tal-konsumaturi f'termini ta' kwalità, kif ukoll biex jippermetti li l-prodott idum aktar fis-suq, b'mod partikolari meta jiġi esportat.

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-emenda msemmija fl-Artikolu 2 ta' hawn fuq, il-parametri deskrittivi li ġejjin ġew miżjuda għall-varjetajiet Santa Maria u Carmen.

Santa Maria

Epikarpju: lixx u ta' kulur tal-bażi aħdar fl-isfar;

Għamla: forma ta' lanġasa jew forma ta' lanġasa ċatta;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm^2.

Carmen

Epikarpju: aħdar b'partijiet roża;

Għamla: forma ta' kalebaxxa, kemxejn tawwalija;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm^2.

L-emenda ġiet inkorporata fil-punt 3.2 tad-Dokument Uniku u l-għan tagħha huwa li żżid il-karatteristiċi kimiċi u fiżiċi mal-lista ta' varjetajiet permessi għal "Pera Mantovana", kif provdut fl-iskeda tas-sommarju disponibbli fuq DOOR.

Żona ġeografika

L-Artikolu 3 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott

L-amalgamazzjoni ta' għadd ta' muniċipalitajiet għamlet neċessarju għadd ta' korrezzjonijiet għall-ismijiet elenkati. B'mod partikolari:

— l-amalgamazzjoni tal-muniċipalitajiet ta' Carbonara sul Po u Borgofranco sul Po wasslet għall-ħolqien tal-muniċipalità l-ġdida ta' Borgocarbonara;

— l-amalgamazzjoni tal-muniċipalitajiet ta' Borgoforte u ta' Virgilio wasslet għall-ħolqien tal-muniċipalità l-ġdida ta' Borgo Virgilio;

— l-amalgamazzjoni tal-muniċipalitajiet ta' Pieve di Coriano, Revere u Villa Poma wasslet għall-ħolqien tal-muniċipalità l-ġdida ta' Borgo Mantovano;

— l-amalgamazzjoni tal-muniċipalitajiet ta' Sermide u ta' Felonica wasslet għall-ħolqien tal-muniċipalità l-ġdida ta' Sermide e Felonica.

L-Artikolu 3 ġie emendat skont dan, kif ġej:

"Iż-żona ta' produzzjoni tinkludi l-parti tat-territorju tal-provinċja ta' Mantua li hija adattata għat-tkabbir tal-lanġas, inklużi l-muniċipalitajiet li ġejjin: Sabbioneta, Commessaggio, Viadana, Pomponesco, Dosolo, Gazzuolo, Suzzara, Borgo Virgilio, Motteggiana, Bagnolo San Vito, Sustinente, Gonzaga, Pegognaga, Moglia, San Benedetto Po, Quistello, Quingentole, San Giacomo delle Segnate, San Giovanni del Dosso, Schivenoglia, Borgo Mantovano, Ostiglia, Serravalle a Po, Poggio Rusco, Magnacavallo, Borgocarbonara u Sermide e Felonica."

L-emenda tapplika wkoll għall-punt 5(c) tal-iskeda tas-sommarju disponibbli fuq DOOR u ġiet inkorporata fil-punt 4 tad-Dokument Uniku.

Prova tal-oriġini

— *L-Artikolu 5 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott*

Il-paragrafu li ġej:

"Ir-Reġjun tal-Lombardia għandu jivverifika li l-kundizzjonijiet tekniċi xierqa, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' hawn fuq, huma ssodisfati. Siġar tal-lanġas adatti għall-produzzjoni tal-"Pera Mantovana" għandhom jiddaħħlu fir-reġistru xieraq, li jiġi stabbilit, aġġornat u ppubblikat kull sena. Kopja ta' dan ir-reġistru għandha tiġi ppreżentata lill-muniċipalitajiet kollha li jinsabu fiż-żona ta' produzzjoni.

Il-Ministeru tar-Riżorsi tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija għandu jindika l-proċeduri li jridu jiġu segwiti b'rabta mar-reġistrazzjoni, mar-rappurtar tal-produzzjoni annwali u mal-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni korrispondenti, sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ korrett u xieraq tal-produzzjoni rikonoxxuta u kkumerċjalizzata kull sena bl-indikazzjoni ġeografika protetta."

ġie sostitwit kif ġej u tmexxa għall-Artikolu 4:

"Kull fażi tal-proċess tal-produzzjoni tiġi mmonitorjata billi jiġu rreġistrati l-inputs u l-outputs kollha.

Il-korp ta' spezzjoni jiżgura t-traċċabbiltà tal-prodott permezz ta' reġistri ta' produtturi u ta' dawk li jippakkjaw li jżomm għal dan il-għan u permezz tan-notifika ta' rqajja' katastali użati u kwantitajiet prodotti. L-operaturi kollha mdaħħla fir-reġistri rilevanti huma soġġetti għal kontrolli skont l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u l-pjan ta' spezzjoni assoċjat, kif imfassal mill-korp ta' spezzjoni."

Kien meħtieġ li dan il-paragrafu jiġi sostitwit sabiex l-ispeċifikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru1151/2012.

Il-kontrolli dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi deskritti fl-ispeċifikazzjoni mhumiex ir-responsabbiltà tar-Reġjun tal-Lombardia iżda tal-korp ta' spezzjoni awtorizzat għal dan il-għan mill-Ministeru tal-Politika tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija.

Il-formulazzjoni ġdida ma tbiddilx id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul ta' ġonna tal-lanġas fir-reġistri/listi u l-għoti ta' notifika tal-produzzjoni, li skont ir-regoli attwali huma mmaniġġjati direttament mill-korp ta' spezzjoni, f'konformità mal-pjan ta' spezzjoni rilevanti approvat mill-Ministeru għall-Politika tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija.

Għalhekk, din hija emenda formali għall-paragrafu, li ma tbiddilx il-proċeduri ta' kontroll applikati sal-lum.

Metodu ta' produzzjoni

— *L-Artikolu 4 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott*

— Is-sentenza li ġejja tħassret:

"L-użu tal-irrigazzjoni, tal-prassi tal-fertilizzazzjoni u ta' tekniki oħra ta' tkabbir u ta' agronomija irid jikkonforma mal-arranġamenti tekniċi indikati mis-servizzi kompetenti tar-Reġjun tal-Lombardia."

Il-prattiki ta' tkabbir u ta' agronomija jiffurmaw parti mill-wirt storiku taż-żona ta' produzzjoni, u l-korp pubbliku jaqdi biss rwol ta' appoġġ għall-fini tat-titjib tal-kwalità tal-prodott billi jfassal speċifikazzjonijiet u regoli agronomiċi għall-protezzjoni tal-produzzjoni integrata. Barra minn hekk, f'konformità mal-emenda msemmija fil-punt preċedenti, ir-rwol tal-verifika tal-konformità mal-prattiki agronomiċi stabbiliti fl-ispeċifikazzjoni jitwettaq mill-korp ta' spezzjoni awtorizzat mill-Ministeru tal-Politika tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija.

Għalhekk, din l-emenda għall-paragrafu ma tbiddilx il-proċeduri ta' kontroll applikati sal-lum.

— Is-sentenza li ġejja:

"Id-distanzi tat-tħawwil permessi huma dawk li jintużaw ġeneralment, bil-possibbiltà ta' densità massima ta' 5 000 pjanta għal kull ettaru għal pjantaġġuni ġodda."

ġiet emendata kif ġej:

"Id-distanzi tat-tħawwil permessi huma dawk li jintużaw ġeneralment, bil-possibbiltà ta' densità ta' mhux aktar minn 6 000 pjanta għal kull ettaru."

Id-densità għal kull ettaru żdiedet għal massimu ta' 6 000 pjanta.

Wara t-talba biex jiġi introdott il-metodu ta' tkabbir tal-"assi vertikali", li hija evoluzzjoni tal-fus, qed jiġi propost li l-għadd massimu ta' xtieli għal kull ettaru jiżdied minn 5 000 sa 6 000, sabiex il-pjanta tiġi adattata għal tekniki aktar avvanzati, filwaqt li l-kwalità tal-prodott finali kif deskritt fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tibqa' ma tinbidilx.

— Is-sentenza li ġejja:

"Il-metodi ta' taħriġ standard permessi jistgħu jiġu intraċċati lura għall-"vażun Emiljan" u l-varjazzjonijiet tiegħu; il-metodi tat-tħarriġ li jistgħu jintużaw huma l-imrewħa u l-fus u l-varjazzjonijiet tagħhom."

ġiet emendata kif ġej:

"Il-metodi ta' taħriġ standard jistgħu jiġu intraċċati lura għall-"vażun Emiljan" u l-varjazzjonijiet tiegħu; il-metodi tat-tħarriġ li jistgħu jintużaw huma l-imrewħa, il-fus, l-"assi vertikali" u l-varjazzjonijiet tagħhom."

L-"assi vertikali" ġie inkluż fil-metodi ta' taħriġ peress li jirrappreżenta evoluzzjoni tal-fus.

— Is-sentenza li ġejja:

"It-tekniki tat-tkabbir għandhom jinkludu għall-inqas żabra waħda matul ix-xitwa u żewġ żabriet matul l-istaġun tat-tkabbir."

ġiet emendata kif ġej:

"It-tekniki tat-tkabbir għandhom jinkludu għall-inqas żabra waħda matul ix-xitwa."

Ir-rekwiżit għal "żewġ żabriet matul l-istaġun tat-tkabbir" tħassar peress li tali operazzjonijiet issa huma pprojbiti għal raġunijiet ta' saħħa tal-pjanti: il-qtugħ ta' fergħat li qed jinbtu jagħmilha aktar faċli għall-patoġen tal-Erwinia amylovora, li jikkawża l-fire blight, biex jidħol fl-impjant.

— Is-sentenza li ġejja:

"Fejn possibbli, il-protezzjoni tal-pjanti għandha l-aktar tinvolvi tekniki integrati jew organiċi."

ġiet fformulata mill-ġdid kif ġej:

"Il-protezzjoni tal-pjanti għandha tinvolvi tekniki integrati jew organiċi."

Is-sentenza ġiet ifformulata mill-ġdid sabiex tkun aktar preċiża, billi t-tekniki integrati jew organiċi jsiru obbligatorji għall-bdiewa.

— Is-sentenza li ġejja:

"Il-produzzjoni massima għal kull ettaru hija ta' 45 000 kg għall-kultivars kollha aċċettati."

ġiet emendata kif ġej:

"Il-produzzjoni massima għal kull ettaru hija ta' 55 000 kg għall-kultivars kollha aċċettati."

Il-produzzjoni massima għal kull ettaru żdiedet għal 55 000 kg għall-kultivars kollha aċċettati. Qed jiġi propost li l-produzzjoni massima għal kull ettaru tiżdied minn 45 000 kg għal 55 000 kg, peress li l-innovazzjonijiet tekniċi ġodda li ġew introdotti fl-agrikoltura matul is-snin (il-fertirrigazzjoni, riżomi ġodda, pjantaġġuni aktar densi, varjetajiet ġodda, eċċ....) jagħmluha possibbli li jinkisbu rendimenti ogħla mingħajr ma jiġu kompromessi l-karatteristiċi inerenti tal-prodott.

— Is-sentenza li ġejja tħassret:

"B'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi staġjonali u l-kundizzjonijiet ambjentali tat-tkabbir, ir-Reġjun tal-Lombardia jiffissa, kull sena sal-15 ta' Lulju, produzzjoni indikattiva medja għal kull unità għal kull kultivar speċifikat fl-Artikolu 2."

Huwa propost li din il-kompetenza tar-Reġjun tal-Lombardia titħassar minħabba li mhijiex rilevanti għall-kontenut tal-ispeċifikazzjoni, li tiddefinixxi b'mod ċar il-limitu massimu tal-produzzjoni għal kull ettaru li l-bdiewa jridu jikkonformaw miegħu.

— Is-sentenza:

"Jekk jiġi ppreservat frott li jista' jiġi indikat bl-IĠP "Pera Mantovana", għandha tintuża t-teknika ta' refriġerazzjoni."

ġiet emendata kif ġej:

"Jekk jiġi ppreservat frott li huwa adattat beix jiġi kkummerċjalizzat bl-IĠP "Pera Mantovana", irid jintuża l-metodu ta' refriġerazzjoni."

Is-sentenza ġiet riformulata bil-għan li ssir enfasi akbar fuq il-kunċett tal-adegwatezza tal-prodott għaċ-ċertifikazzjoni tal-IĠP.

— Is-sentenza li ġejja tħassret:

"Il-valuri għall-umdità u t-temperatura ġewwa l-imħażen kesħin għandhom ikunu xierqa għar-rekwiżiti tal-kwalità."

Huwa meqjus xieraq li din is-sentenza titħassar peress li ma fihiex parametri oġġettivi u li jistgħu jitkejlu u għalhekk mhijiex ċara u mhux kompluta. Barra minn hekk, il-parametri tal-umdità u tat-temperatura fil-ħwienet jistgħu jvarjaw skont id-domandi li jvarjaw tal-klijenti fir-rigward tal-maturità tal-prodott.

— Is-sentenza:

"Il-varjetajiet Conference, Decana del Comizio u Kaiser li se jiġu kkummerċjalizzati fir-rebbiegħa għandhom jiġu ppreservati f'atmosfera kkontrollata."

ġiet emendata kif ġej:

"Il-kwantitajiet tal-varjetajiet (Williams, Max Red Bartlett, Abate Fetel, Conference, Decana del Comizio u Kaiser) li jridu jiġu kkummerċjalizzati fir-rebbiegħa jridu jiġu ppreservati f'atmosfera kkontrollata."

Din hija korrezzjoni formali biex jiġi speċifikat li huma l-"kwantitajiet" li se jiġu kkummerċjalizzati li qed issir referenza għalihom.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tekniki ta' preservazzjoni ġodda fissret li l-varjetajiet Williams, Max Red Bartlett u Abate Fetel jistgħu jiġu kkummerċjalizzati wkoll fir-rebbiegħa; għalhekk, huwa mitlub li dawn jiġu inklużi fl-ispeċifikazzjoni.

Rabta

L-informazzjoni pprovduta fl-1998 sabiex tinkludi "Pera Mantovana" fir-reġistru tad-DOP-IĠP tal-Unjoni Ewropea ġiet miżjuda mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u ntużat għall-punt 5 tad-Dokument Uniku; dan huwa inkorporat fil-punt 5(d) u (f) tal-iskeda tas-sommarju disponibbli fuq DOOR. Barra minn hekk, ġew speċifikati r-rekwiżiti sottostanti għar-reġistrazzjoni ta' "Pera Mantovana". Peress li din l-informazzjoni diġà hija inkluża fil-file tar-reġistrazzjoni, l-emenda hija ta' natura purament editorjali.

L-informazzjoni miżjuda hija kif ġej:

"It-talba għar-reġistrazzjoni hija bbażata fuq il-kwalità tal-"Pera Mantovana", li hija dovuta għal fatturi naturali.

Iż-żona tradizzjonalment magħrufa bħala Oltrepò Mantovano għandha wħud mill-aktar evidenzi antiki u interessanti ta' tkabbir tal-lanġas ta' kwalità.

Hemm rabta mill-qrib bejn iż-żona ta' Oltrepò Mantovano u l-karatteristiċi tal-produzzjoni lokali storika tal-lanġas.

It-territorju huwa ddominat minn pjanura alluvjali kbira fejn, maż-żmien, id-depożiti minn diversi baċiri tal-iskular ingħaqdu flimkien. Dan arrikka l-art b'mod sinifikanti bil-minerali u wassal għal fertilità tal-ħamrija li permezz tagħha, il-lanġas seta' jiġi prodott b'riżultati eċċellenti f'termini ta' kwalità.

Il-lanġas jista' jitkabbar f'din iż-żona mingħajr ma tiġi applikata xi waħda mit-tekniki ta' "sfurzar" li saru disponibbli għall-agrikoltura f'dawn l-aħħar snin permezz tal-innovazzjoni teknoloġika, bl-użu xieraq tal-kundizzjonijiet naturali fiż-żona kkonċernata, li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk taż-żoni ġirien.

Diversi studji xjentifiċi wrew l-adegwatezza partikolari ta' din iż-żona għall-produzzjoni tal-lanġas u kkonfermaw il-fertilità notevoli tal-art li fuqha titkabbar il-"Pera Mantovana".

Il-bdiewa fiż-żona ilhom ikabbru s-siġar tal-lanġas għal mijiet ta' snin.

Għal ħafna sekli, il-lanġas baqa' frott prezzjuż li madankollu kien limitat l-aktar għall-"broli" [ġonna tal-kċina] tal-qrati nobbli.

Matul is-seklu għoxrin, it-titjib fl-istrutturi tas-suq, fit-trasport u fil-faċilitajiet tal-ħżin fisser li t-tkabbir tal-lanġas qabad tabilħaqq u dan wassal għal titjib kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità."

Oħrajn

Imballaġġ u Tikkettar

L-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni attwali tal-Prodott

— Il-paragrafu:

"Meta titqiegħed fis-suq għall-konsum, il-"Pera Mantovana" għandha tiġi ppakkjata b'tali mod li jippermetti li titwaħħal kwalunkwe marka speċifika. Il-pakketti jridu dejjem ikunu ssiġillati b'tali mod li l-kontenut ma jkunx jista' jinħareġ minnhom mingħajr ma jinkiser is-siġill."

ġie emendat kif ġej:

"Meta titqiegħed fis-suq, il-"Pera Mantovana" trid tiġi ppakkjata b'tali mod li tkun tista' titwaħħal marka speċifika bil-kliem "Pera Mantovana" u "Indicazione Geografica protetta" ["Indikazzjoni Ġeografika Protetta"] jew bl-akronimu tagħha "IGP" ["IĠP"], jew fuq 50 % tal-biċċiet individwali ta' frott f'pakkett jew direttament fuq l-imballaġġ, jekk issiġillat."

Is-sentenza li ġejja tħassret: "Il-pakketti jridu dejjem ikunu ssiġillati b'tali mod li l-kontenut ma jkunx jista' jinħareġ minnhom mingħajr ma jinkiser is-siġill", biż-żieda tal-kjarifika li "Pera Mantovana" għandha tiġi ppakkjata b'tali mod li tkun tista' titwaħħal marka speċifika, jew fuq 50 % tal-biċċiet individwali tal-frott jew direttament fuq l-imballaġġ jekk ikun ssiġillat.

L-emenda tqis għadd ta' diffikultajiet relatati mat-tipi differenti ta' kontenituri li jistgħu jintużaw. Mhux il-kontenituri kollha huma adatti għall-issiġillar, speċjalment fil-każ ta' pakketti kbar bħal ċestuni, kaxex u laned fejn il-prodott jinbiegħ sfuż. Biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tal-frott, huwa meqjus xieraq li mill-inqas 50 % tal-frott f'dawn il-kontenituri jkollu stikers; fil-każ ta' pakketti mingħajr stikers fuq il-frott, huwa meqjus xieraq li l-pakkett jiġi ssiġillat sabiex jiġi evitat li l-kontenut jinħareġ mingħajr ma jitkisser is-siġill.

Il-paragrafu emendat kif jidher hawn fuq żdied ukoll fil-punt 3.5 tad-Dokument Uniku.

— Is-sentenza li ġejja ġiet miżjuda sabiex dawk li jippakkjaw jingħataw il-libertà fir-rigward tat-tip ta' imballaġġ użat, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq.

"L-imballaġġ kollu aċċettat fl-UE skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ jista' jintuża, kemm jekk jista' jiġi ssiġillat (basktijiet, trejs) kif ukoll jekk ikun miftuħ (ċestuni, kaxex, laned)."

— Il-paragrafu:

"Il-prodott irid jitqiegħed fis-suq bejn l-10 ta' Awwissu u l-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara, speċifikament matul il-perjodi speċifikati hawn taħt għal kull kultivar:

Abate Fetel: Mill-20 ta' Settembru sal-10 ta' Frar;

Conference: Mill-15 ta' Ottubru sal-30 ta' Mejju;

Decana del Comizio: Mit-30 ta' Settembru sat-30 ta' Marzu;

Kaiser: Mit-15 ta' Settembru sal-15 ta' Marzu;

Max Red Bartlett: Mill-20 ta' Awwissu sal-10 ta' Novembru;

Williams: Mill-10 ta' Awwissu sal-10 ta' Novembru."

ġie emendat kif ġej:

"Il-prodott irid jitqiegħed fis-suq fil-perjodu bejn il-15 ta' Lulju u t-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara."

Id-dati meta l-prodott jista' jitqiegħed fis-suq inbidlu kif ġej: Il-prodott irid jitqiegħed fis-suq fil-perjodu bejn il-15 ta' Lulju u t-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Il-frażi li ġejja tħassret: "matul il-perjodi speċifikati hawn taħt għal kull kultivar" u l-informazzjoni għal kull kultivar tħassret kif xieraq. Qed jiġi propost li jinbidlu d-dati tal-bidu u tat-tmiem għat-tqegħid tal-prodott fis-suq:

— Id-data tal-bidu għat-tqegħid fis-suq tal-prodott: Il-15 ta' Lulju minflok l-10 ta' Awwissu, biex jiġu promossi l-kultivars bikrin Carmen u Santa Maria, li l-inklużjoni tagħhom ġiet mitluba, u minħabba li matul is-snin il-ħsad kellu jiġi ppreżentat aktar u aktar ta' spiss għall-varjetajiet kollha minħabba t-tibdil fil-klima;

— Data tat-tmiem għat-tqegħid fis-suq tal-prodott: tmexxiet mill-31 ta' Mejju għat-30 ta' Ġunju, peress li l-metodi moderni ta' preservazzjoni li ġew żviluppati maż-żmien jippermettu li l-prodott jinżamm għal aktar żmien mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tiegħu. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tas-suq jagħmluha neċessarja li l-provvista ma tiġix ikkonċentrata f'perjodu qasir. Id-dati speċifiċi għat-tqegħid fis-suq ta' kull varjetà huma marbuta mal-kundizzjonijiet staġjonali tat-temp, li huma dejjem aktar varjabbli, u ma għadux realistiku li din tiġi limitata għal dati preċiżi.

— Il-paragrafu:

"Il-kontenitur għandu jiġi mmarkat, b'ittri tal-istess daqs, bil-kliem "Pera Mantovana" segwit minn "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" u mbagħad bl-isem tal-kultivar. Fl-istess kamp viżiv għandhom jidhru l-isem, l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-imballatur, kif ukoll il-piż gross oriġinali."

u s-sentenza li ġejja fil-punt 5(h) tal-iskeda tas-sommarju:

"Meta jiġi rilaxxat għall-konsum, il-prodott irid ikollu l-kliem "Pera Mantovana" segwit minn "Indicazione Geografica Protetta" ("Indikazzjoni Ġeografika Protetta") u kwalunkwe marka."

ġew emendati kif ġej:

"Il-marki "Pera Mantovana" u "Indicazione Geografica Protetta" ("Indikazzjoni Peografika Protetta") jew l-abbrevjazzjoni tagħha "IGP" ("IĠP") iridu jidhru fuq quddiem tal-pakketti jew fuq ġewwa tal-kontenituri b'karattri stampati ċari u leġġibbli ta' daqs ugwali.

L-isem, it-trademark jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-imballatur u l-isem tal-kultivar jistgħu jidhru wkoll fl-istess kamp viżiv."

Il-pożizzjoni tal-marka "Pera Mantovana" u "Indicazione Geografica Protetta" ("Indikazzjoni Ġeografika Protetta") fuq l-imballaġġ ġiet speċifikata. Sar fakultattiv li jiġu indikati l-kultivar, it-trademark jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-imballatur fuq l-imballaġġ, u r-rekwiżit li jiġi indikat il-piż gross oriġinali tħassar peress li mhuwiex karatteristika tipika u mhuwiex obbligatorju għal dan it-tip ta' prodott.

L-emenda proposta tapplika wkoll għall-punt 3.6 tad-Dokument Uniku.

— Il-paragrafu li ġej żdied fl-artikolu:

"F'każ li l-prodott sfuż jinbiegħ lill-konsumatur finali minn imballaġġ jew minn ċestuni li jkunu ssiġillati jew li jkun fihom frott bl-istikers, dan irid jitqiegħed f'kompartimenti jew f'kontenituri speċifiċi li b'mod prominenti juru l-istess informazzjoni meħtieġa għall-imballaġġ kif imsemmi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jew l-informazzjoni murija fuq l-imballaġġ li jkun fih biċċiet individwali ta' frott li għandhom jinbiegħu sfużi."

L-għan taż-żieda ta' din l-informazzjoni huwa li jiġi regolat il-bejgħ ta' prodott sfuż mill-imballaġġ jew minn ċestuni li huma ssiġillati jew li fihom frott bl-istickers, li ġeneralment iseħħ fuq il-post tal-bejgħ, biex jiġi żgurat li l-konsumatur jingħata l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jirrikonoxxi l-IĠP "Pera Mantovana".

Iż-żieda tapplika għall-punt 3.6 tad-Dokument Uniku.

— Il-paragrafu:

"Fuq talba tal-produtturi kkonċernati, jista' jintuża simbolu grafiku. Dan is-simbolu jikkorrispondi mad-dehra artistika, inkluż kwalunkwe bażi kolorimetrika li tintagħżel, tal-logo figurattiv jew tal-logo speċifiku u inekwivoku li jridu jintużaw b'mod konġunt u mhux separat mal-indikazzjoni ġeografika."

ġie mħassar u mibdul b'li ġej:

"Il-marka hija stiker ta' daqs suffiċjenti biex tiġi żgurata viżibbiltà sinifikanti. Il-forma hija elittika konċentrika b'isfar fuq ġewwa (Yellow p 102 c) u ħamra fuq barra (Pantone p485), bil-kliem "Pera Mantovana" u "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" jew l-akronimu tagħha IĠP b'ittri kapitali bojod bit-tipa ITC Avant Garde Gothic."

L-użu ta' termini li jirreferu għal kumpaniji, ismijiet, ismijiet ta' kumpaniji, trademarks privati u konsorzji li ma jfittxux li jippromwovu l-prodott u li x'aktarx ma jqarrqux lix-xerrej huwa possibbli. Dawn it-termini għandhom jidhru fil-parti ta' ġewwa ta' kulur isfar tat-tikketta, tal-imballaġġ jew tal-istiker, f'ittri li huma l-istess daqs jew iżgħar minn dawk użati għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

Il-paragrafu ġie sostitwit b'dispożizzjonijiet aktar preċiżi li huma konformi mal-bidliet preċedenti relatati mal-marka, li l-karatteristiċi grafiċi u d-daqs tagħhom ġew iddefiniti sabiex jiġu żgurati l-viżibbiltà u r-rikonoxximent sinifikanti tal-prodott.

Barra minn hekk, huwa propost li t-termini jintużaw b'referenza għal kumpaniji, ismijiet, ismijiet ta' kumpaniji, trademarks privati u konsorzji li ma jfittxux li jippromwovu l-prodott u li mhumiex probabbli li jqarrqu bix-xerrej. Dawn it-termini għandhom jidhru fil-parti ta' ġewwa ta' kulur isfar tat-tikketta, tal-imballaġġ jew tal-istiker, f'ittri li huma l-istess daqs jew iżgħar minn dawk użati għall-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

— Is-sentenza li ġejja tħassret:

"L-indikazzjoni "Magħmul fl-Italja" trid tidher ukoll fuq il-lottijiet li jkunu sejrin jiġu esportati."

Qed jiġi propost li l-informazzjoni dwar "Magħmul fl-Italja" titħassar peress li din diġà hija prevista mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Marka

Sabiex il-prodott isir aktar rikonoxxibbli, tqies xieraq li jiddaħħal ritratt tal-marka fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u fil-punt 3.6 tad-Dokument Uniku.

Korp ta' spezzjoni

Skont l-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott emendata, ir-referenza għall-korp ta' spezzjoni ġiet miżjuda mill-ġdid, kif ġej:

"Il-monitoraġġ tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott isir skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Il-korp ta' spezzjoni li ntgħażel biex jimmonitorja l-IĠP "Pera Mantovana" huwa CSQA Certificazioni srl - Via S. Gaetano, 74 - 36016 Thiene (VI) - L-Italja, Tel. +39 0445 313 011, Fax +39 0445 313 070 -csqa@csqa.it."

Dan jadatta l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7(g) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

DOKUMENT UNIKU

"PERA MANTOVANA"

Nru tal-UE: PGI-IT-01533-AM01 – 19.7.2018

IĠP (X) DOP ( )

1. **Isem/ismijiet [tad-dop jew tal-iġp]**

"Pera Mantovana"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

L-indikazzjoni "Pera Mantovana" tirreferi esklussivament għall-frott tal-kultivars tal-lanġas li ġejjin: Abate Fetel, Conference, Decana del Comizio, Kaiser, Max Red Bartlett, Williams, Carmen u Santa Maria.

Meta tinħareġ għall-konsum, il-"Pera Mantovana" għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

Abate Fetel

Epikarpju: aħdar ċar fl-isfar, bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun u z-zokk;

Għamla: forma ta' kalebaxxa, pjuttost tawwalija;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 5,5/0.5 kg/cm2.

Conference

Epikarpju: isfar fl-aħdar bil-kulur kannella fl-aħmar madwar il-ħofra tal-buttun li ta' spiss jaffettwa t-terz ta' taħt tal-frotta;

Għamla: piriforma ta' spiss simetrika;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 5,5/0.5 kg/cm2.

Decana del Comizio

Epikarpju: lixx, aħdar ċar fl-isfar ta' spiss bil-kulur roża, u b'kannella fl-aħmar mifrux ftit 'l hawn u 'l hemm;

Għamla: forma ta' turbina;

Daqs: dijametru minimu ta' 70 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 4,5/0,5 kg/cm2.

Kaiser

Epikarpju: raffa, tal-kulur kannella fl-aħmar kollha hemm hi;

Għamla: forma ta' kalebaxxa jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm2.

Williams u Max Red Bartlett

Epikarpju: lixx, kulur tal-bażi isfar bejn wieħed u ieħor kopert

bir-roża jew aħmar qawwi, kultant bl-istrixxi;

Għamla: forma ta' lanġasa żgħira jew lanġasa;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 7,0/0,5 kg/cm2.

Santa Maria

Epikarpju: lixx u ta' kulur tal-bażi aħdar fl-isfar;

Għamla: forma ta' lanġasa jew forma ta' lanġasa ċatta;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm2.

Carmen

Epikarpju: aħdar b'partijiet roża;

Għamla: forma ta' kalebaxxa, kemxejn tawwalija;

Daqs: dijametru minimu ta' 60 mm;

Kontenut minimu ta' zokkor: (° Bx) 11;

Ebusija massima: 6,0/0,5 kg/cm2.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-fażijiet kollha tat-tkabbir u l-ħsad iridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Meta titqiegħed fis-suq, il-"Pera Mantovana" trid tiġi ppakkjata b'tali mod li tkun tista' titwaħħal marka speċifika bil-kliem "Pera Mantovana" u "Indicazione Geografica protetta" ["Indikazzjoni Ġeografika Protetta"] jew bl-akronimu tagħha "IGP" ["IĠP"], jew fuq 50 % tal-biċċiet individwali ta' frott f'pakkett jew direttament fuq l-imballaġġ, jekk issiġillat.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Il-marki "Pera Mantovana" u "Indikazzjoni Ġeografika Protetta" jew l-abbrevjazzjoni tagħha "IĠP" iridu jidhru fuq quddiem jew ġewwa l-pakketti jew il-kontenituri b'karattri stampati ċari u leġġibbli ta' daqs ugwali.

L-isem, it-trademark jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-imballatur u l-isem tal-kultivar jistgħu jidhru wkoll fl-istess kamp viżiv.

F'każ li l-prodott sfuż jinbiegħ lill-konsumatur finali minn imballaġġ jew minn ċestuni li jkunu ssiġillati jew li jkun fihom frott bl-istikers, dan irid jitqiegħed f'kompartimenti jew f'kontenituri speċifiċi li b'mod prominenti juru l-istess informazzjoni meħtieġa għall-imballaġġ jew l-informazzjoni murija fuq l-imballaġġ li jkun fih biċċiet individwali ta' frott li għandhom jinbiegħu sfużi.

Il-marka hija kif ġej:

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona ta' produzzjoni, magħrufa wkoll bħala Oltrepò Mantovano, tinkludi l-parti tat-territorju tal-provinċja ta' Mantua li hija adattata għat-tkabbir tal-lanġas, inklużi l-muniċipalitajiet li ġejjin: Sabbioneta, Commessaggio, Viadana, Pomponesco, Dosolo, Gazzuolo, Suzzara, Borgo Virgilio, Motteggiana, Bagnolo San Vito, Sustinente, Gonzaga, Pegognaga, Moglia, San Benedetto Po, Quistello, Quingentole, San Giacomo delle Segnate, San Giovanni del Dosso, Schivenoglia, Borgo Mantovano, Ostiglia, Serravalle a Po, Poggio Rusco, Magnacavallo, Borgocarbonara u Sermide e Felonica.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

It-talba għar-reġistrazzjoni hija bbażata fuq il-kwalità tal-"Pera Mantovana", li hija dovuta għal fatturi naturali.

Hemm rabta mill-qrib bejn iż-żona ta' Oltrepò Mantovano u l-karatteristiċi tal-produzzjoni lokali storika tal-lanġas.

Iż-żona tradizzjonalment magħrufa bħala Oltrepò Mantovano għandha wħud mill-aktar evidenzi antiki u interessanti ta' tkabbir tal-lanġas ta' kwalità.

It-territorju huwa ddominat minn pjanura alluvjali kbira fejn, maż-żmien, id-depożiti minn diversi baċiri tal-iskular ingħaqdu flimkien. Dan arrikka l-art b'mod sinifikanti bil-minerali u wassal għal fertilità tal-ħamrija li permezz tagħha, il-lanġas seta' jiġi prodott b'riżultati eċċellenti f'termini ta' kwalità.

Il-lanġas jista' jitkabbar f'din iż-żona mingħajr ma tiġi applikata xi waħda mit-tekniki ta' "sfurzar" li saru disponibbli għall-agrikoltura f'dawn l-aħħar snin permezz tal-innovazzjoni teknoloġika, bl-użu xieraq tal-kundizzjonijiet naturali fiż-żona kkonċernata, li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk taż-żoni ġirien.

Diversi studji xjentifiċi wrew l-adegwatezza partikolari ta' din iż-żona għall-produzzjoni tal-lanġas u kkonfermaw il-fertilità notevoli tal-art li fuqha titkabbar il-"Pera Mantovana".

Il-bdiewa fiż-żona ilhom ikabbru s-siġar tal-lanġas għal mijiet ta' snin.

Għal ħafna sekli, il-lanġas baqa' frott prezzjuż li madankollu kien limitat l-aktar għall-"broli" [ġonna tal-kċina] tal-qrati nobbli.

Matul is-seklu għoxrin, it-titjib fl-istrutturi tas-suq, fit-trasport u fil-faċilitajiet tal-ħżin fisser li t-tkabbir tal-lanġas qabad tabilħaqq u dan wassal għal titjib kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' kwalità.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

Il-Gvern nieda l-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni bil-pubblikazzjoni tal-proposta għar-rikonoxximent ta' "Pera Mantovana" bħala indikazzjoni ġeografika protetta fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana Nru 114 tat-18 ta' Mejju 2018.

It-test sħiħ tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott huwa disponibbli fuq is-sit web li ġej:http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

jew inkella:

billi żżur direttament il-paġna ewlenija tal-Ministeru tal-Politika tal-Agrikultura, tal-Ikel u tal-Forestrija (www.politicheagricole.it) u tikklikkja fuq "Qualità" (fin-naħa ta' fuq tal-lemin tal-iskrin), u mbagħad fuq "Prodotti DOP IGP STG" (fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".